*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 25

L-Erbgha 14 ta' April 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Ufficċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku(virtwalment)
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier (virtwalment)
Ismael Dalli – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier (virtwalment)

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| **25.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 25.1.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li Sa Darlene Vella Zammit, s-Sur Christian Pace u s-Sa Anabelle Marmara talbu sabiex jattendu ghall-laqgha b'mod virtwali. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera ma' nstabet l-ebda oggezzjoni f' dan ir-rigward. |
| **25.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 25.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 24, flimkien mal-minuti tal-Laqgha Annwali Generali 2021, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 25.2.2 | Is-Sur Neil Portelli ppropona u s-Sur Thomas Debattista ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 24, flimkien mal-minuti tal-Laqgha Annwali Generali 2021 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **25.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 25.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Kuntratt tal-Gonna li huwa ghall-sena se jiskadi ghaldaqstant talab lill-Kunsilliera jekk jaqblux li jingabru tlitt kwotazzjonijiet ohra u jsir kuntratt iehor ta' sena minflok jinhareg *Tender*. Is-Sindku spjega li l-haddiema assenjati qed jaghmlu hafna xoghol siewi fil-gonna u l-gardinar jista' jinaghta biss dak ix-xoghol li ma' jistghux jaghmlu l-haddiema assenjati. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li jingabru tlitt kwotazzjonijiet u jsir kuntratt ta sena. |
| 25.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kuntratt tal-*Contracts Manager* li huwa ghall-sena se jiskadi ghaldaqstant talab lill-Kunsilliera jekk jaqblux li jingabru tlitt kwotazzjonijiet ohra u jsir kuntratt iehor ta' sena minflok jinhareg *Tender*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li jingabru tlitt kwotazzjonijiet u jsir kuntratt ta sena. |
| 25.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kuntratt tad-*Data Protection Officer* se jiskadi u nforma lill-Kunsilliera li r-Regjun Xlokk se jkun qed ihallas ghall-dan is-servizz permezz tad-*Data Protection Officer* imqabbad minnhom. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-Kunsill ghandu juza s-servizz provdut mid-*Data Protection Officer* imqabbad mir-Regjun Xlokk. |

| | |
|---|---|
| 25.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kumpanija Vella Group infurmat lill-Kunsill li hemm xi kontijiet pendenti dovuti lila mill-Kunsill precedenti. Is-Sindku spjega li dan mhux minnu ghax kellem lis-Sindku precedenti li ghamel referenza ghall-kuntratt ta' ftehiem bejn il-Kunsill u Vella Group, liema kuntratt gie ffirmat mis-Sindku u s-Segretraju Ezekuttiv prcedenti u l-Avukat Mario Mifsud. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien hallas is-somma ta' 93,729.02Euro u ma kien fadal l-ebda hlasijiet ohra pendenti kif qed jinfurmana Vella Group. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera gie deciz li peress li hemm dan il-ftehim huwa ndikat fic-car li l-Kunsill m'ghandu jaghati l-ebda flus lill-Vella Group. |
| 25.3.5 | Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li permezz tat-tieni sejha tal-iskema *Norwegian Funds*,(SGS) il-Kunsill se jkun qed japplika ghall-progett iehor, kif gie diskuss fil-laqgha precedenti. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jaghtu l-opinjoni taghhom fuq jekk ghandhomx jinbidlu l-bandli ta' Gnien Joanne li m'ghadhomx tajbin u ssir bandla ohra ghall-vulnerabbli, flimkien mat-tapit tal-art. Is-Sindku staqsa wkoll jekk il-Kunsilliera jaqblux li mill-fondi tal-progett jinxtara palk, dawl u *sound* sabiex jibdew isiru attivitajiet edukattivi u ta' rikreazzjoni fi Gnien Joanne, kif ukoll jibdew jinzammu diskussjonijiet varji minn NGOs. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-progett ghandu jitfassal fuq il-proposti tas-Sindku u l-apparat tal-palk, dawl u *sound* ghandu jintuza biss ghall-attivitajiet tal-Kunsill Lokali. |
| 25.3.6 | Is-Sindku ghamel referenza ghall-laqgha precedenti fejn semma l-fondi tal-Agenzija LESA u spjega li wara li l-amministrazzjoni gabet tlitt kwotazzjonijiet ghall-Van tal-elettriku irrizulta li dan ma jiswiex aktar minn 50,000Euro. Is-Sindku spjega li permezz ta' dan il-progett il-Kunsill jistgha jiehu l-massimu ta' 80,000Eur, ghaldaqstant talab lill-Kunsilliera jekk jaqblux li jsir xoghol ta' infrastruttura fi Gnien Joanne u hekk il-Kunsill ikun jista jaghmel uzu mill-massimu tal-fondi. Wara diskussjoni libear u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-Van tal-elettriku jinxtara aktar il-quddiem u minflok isir xoghol ta' infrastruttura fi Gnien Joanne ghax huwa aktar essenzjali u fl-istess hin il-Kunsill ma' jitlifx il-fondi. |
| 25.3.9 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li gie ffirmat il-*Memorandum Of Understanding* (MOU), bejn il-LESA u l-Kunsill Lokali sabiex l-organizzazjonijiet volontarji tal-lokalita' jinghataw ghajnuna finanzjarja u assistenza mill-LESA fuq progetti li jibbenifikaw minnhom ir-residenti. Is-Sindku spjega li l-organnizazzjonijiet li se jibbenifikaw minnhom huma l-Ghaqda muzikali Marija Annunzjata, Ghaqda Socjali Madonna tad-Duttrina, Ghaqda tan-Nar San Gabriel, Kumitat tal-Festa Marija Annunzjata, Tarxien Paegant Group, Tarxien Rainbows, Scouts u l- Fondazzjoni Parrocca Marija Annunzjati. |

| | |
|---|---|
| 25.3.10 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera kif kien mifthiem fil-laqgha precedenti, flimkien mas-Sur Thomas Debattista attenda laqgha mal-Perit sabiex tigi diskussa proposta tal-pjanta ghall-binja gdida tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-pjanat se tigi tiswa 800Eur u jrid jigi inkluz il-VAT u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill jekk iridux li ssir il-pjanta tal-binja jew le. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-Perit ghandu jaghmel il-pjanta. |
| 25.3.11 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Ministeru ghat-Transport, Infrastruttura u l-Progetti Kapitali (MTIP), se jibdew il-process tar-restawr fuq il-monument tal-Gwerra f'nofs April 2021. Is-Sindku spjega li l-progett se jkun iffinanzjat mill-MTIP stess. |
| 25.3.12 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li wara ftheim mall-Kunsillier is-Sur Christian Pace, iltaqgha mal-ghaqdiet kollha tal-lokalita' sabiex jigi ssugerit li jsiru inkwatri minn kull ghadqa tal-lokal inkluz il-Kunsill. Is-Sindku spjega li dawn se jkunu qed jirraprezentaw il-Kultura tar-rahal mtellgha mill-ghaqdiet kollha matul is-sena. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera gie deciz li din l-inizjattiva hija xi haga ferm sabieha ghall-lokalita' u ghaldaqstant ghandha tigi mplimentata. |
| **25.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 25.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **25.5** | **Rapporti** |
| 25.5.1 | Il-Kunsill gie prezentat bil-lista tad *disposal of assets* li tinkludi ASUS *monitor* , numru tal-mudell VS208, tinda ta *bus shelter* u bandla. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti l-lista giet approvata,(il-lista inkluz ir-ritratti huma annessi ma dawn il-minuti). |
| 25.5.2 | Permezz ta' korrispondenza minghand l-Awtorita' tad-Djar datata 7 ta April 2021, il-Kunsill gie nfurmat bil-fakulta ta' skema sabiex jippartecipa u jghin lir-residenti tal-ahhar sitt (6) blokok *flats* li ghad irid isir manutenzjoni fihom. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu jahtar l-amministraturi tal-blokok tal-*flats* sabiex japplika ghall-iskema. |
| 25.5.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-applikazzjoni li saret mill-Kunsill ghall- *zebra crossing* ta' Triq Birzebbuga, giet approvata minn Transport Malta. |
| 25.5.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li Transport Malta approvat it-talba li saret mill-Kunsill ghad-devjazzjoni tat-Toroq fl-akwata ta San Anard sabiex il-fluss tat-traffiku jigi f 'direzzjoni wahda. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu jahdem fuqa mill-aktar fis. |

| | |
|---|---|
| 25.5.5 | Permezz ta' Cirkulari *SPI*/SCI/4/2021 datata 7 ta' April 2021 "Korsijiet LifelongLearning 2021/2021 Offruti mid-Direttorat ghar-Ricerka, Taghlim Tul -il-hajja", il-Kunsill gie nfurmat b' korsijiet varji li jistghu jinzammu fir-*Reach Out Cente-Community Hall* li se jkun lest din is-sena. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li jigu diskussi l-korsijiet u jinghazlu minnhomu sabiex tintbghat l-applikazzjoni. |
| 25.5.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera rigward attitudni u *work performance* hazina ta' wiehed mill-impjegati tal-Kunsill f'dawn l-ahhar xhur. Is-Sindku spjega li s-Segretarju Ezekuttiv inkluz hu stess kemm il-darba gibdu l-attenzjoni tal-impjegat sabiex jaghmel xoghlu sew u sahansitra s-Segretarju Ezekuttiv taghtu cans billi bidlitlu xoghlu darbtejn fi ftit xhur bl-ghan li l-*performance* tieghu titjib. Is-Sindku spjega li dawn it-tentattivi kienu marru tajjeb ghal ftit zmien biss. Is-Sindku kompla jghid li barra minn hekk inqabad hafna drabi jilghab bil-*mobile* waqt il-hin tax-xoghol fejn gie mwissi wkoll. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li ghandha tittiehed azzjoni u l-impjegat ghandu jerga' jigi mwissi sabiex jibdel l-attitudni lejn ix-xoghol u jekk is-sitwazzjoni tibqgha l-istess ghandhom jittiehdu passi urterjuri. |
| **25.6** | **Mozzjonijiet** |
| 25.6.1 | <u>Mozzjoni Nru 01-2020 (VIII)</u><br><br>Nixtieq inressaq mozzjoni rigward applikazzjoni ta' devoluzzjoni ghall-binja abbudunata li kienet skola, li tinsab fi Triq l-iskola Ħal Tarxien.<br><br>Nixtieq infakkar l-importanza li l-Kunsill ikollu binja dicenti fejn ikun jista' jopera ahjar sabiex jaghti l-aqwa servizz lir-residenti tieghu. Din tkellimna fuqa bhala Kunsill minn meta gejna eletti u ghaldaqstant cert li kull wiehed minkom jaghti kull priorita lill-din il-materja.<br><br>Ftit Gimghat ilu permezz tal-amministrazzjoni tal-Kunsill intalbet informazzjoni lill-Awtorita tal-Artijiet sabiex nindagaw jekk l-iskola li hemm abbandunata fi Triq l-iskola Ħal Tarxien, hiex disponibbli u gejna nfurmati li l-iskola hija propjeta' tal-Gvern. Ghaldaqstant nixtieq nitolbkom jekk taqblux li ssir applikazzjoni ghad-devoluzzjoni u l-iskola tigi rinovata mill-finanzi tal-Kunsill u tinbidel f 'binja tal-Kunsill Lokali.<br><br>Din il-binja tista tigi rinovata mid-*Development Planning Funds* jew tintalab *loan* mill-bank. Malli titlesta l-binja, l-Kunsill jista' johrog *byelaw* sabiex tinkera l-binja prezenti tal-Kunsill peress li hija assi tal-Kunsill u l-*loan* tkun tista tithallas mid-dhul. |

| | |
|---|---|
| | Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-Kunsill ghandu japplika ghad-devoluzzjoni mill-aktar fis possibli, sabiex il-binja tigi amministrata u rinovata mill-finanzi tal-Kunsill Lokali kif suggerit mis-Sindku.<br><br>Proponent: Joseph Abela Galea<br>Sekondant: Neil Portelli |
| **25.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 25.7.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera prezenti li kif mifthiem fil-laqgha precedenti, nharget sejha ohra ghat-*Tender tar-Reach Out Centre-Community Hall.* |
| **25.8** | **Laqgha Annwali Generali April 2021** |
| 25.8.1 | Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li minhabba c-cirkustani tal-pandemija, l-Laqgha Annwali Generali se tinzamm fis-7.30pm, fuq l-*online streaming* tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li tqassmu ittri lir-residenti sabiex ikunu nfurmati bil-laqgha u jkollhom gwida ta x' ghandhom jaghmlu jekk ikunu jridu jwasslu lment jew suggeriment. |
| **25.9** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 25.9.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 21/08) flimkien mal-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Marzu/April 2021 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 25.9.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Thomas Debattista ssekondata mis-Sur Neil Portelli l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **25.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 25.10.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19.35p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar il- Ħamis 13 ta' Mejju 2021 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 14 ta' April 2021.

**Joseh Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv

**Disposal of assets - LC Meeting 14 April 2021**

ASUS Monitor Version208

Tinda ta' Bus Shelter

Bandla



ASUS
ASUSTeK COMPUTER INC.
4F, NO. 150, LI-TE RD., PEITOU, TAIPEI 112, TAIWAN
Product No. LCD MONITOR
Power Tegangan: 100-240V~ 50/60Hz 1.5 A Frekuensi: 50/60Hz
Monitor Komputer ASUS
Made in China
This Class B digital apparatus complies with Canadian ICES-003
Cet appareil numérique de la classe B est conforme à la norme
NMB-003 du Canada.
Manufactured Date
Oct. 2014
Model No.
Version No.
VS208
VS208NR
SAFETY
MARK
120391-12
This device complies with Part 15 of the FCC rules.
Operation is subject to the following two conditions:
(1) this device may not cause harmful interference, and
(2) this device must accept any interference received,
including interference that may cause undesired operation.
R31018
Serial No.
EALMTF114292
N13219
ASUS COMPUTER GmbH
HARKORT STR. 21-23, 40880 RATINGEN, GERMANY
E187242
I.T.E. MONITOR
1X81
LISTED
VCI


ASUS
MENU



Bandla

Tmola.
ta' Bus Stop

